MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 405/2005/1

**Josephine Said**

**v.**

**Charles Said**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Charles Said li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-

familja) mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2008 billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tiegħu u tiddikjara li s-separazzjoni personali għandha tiġi pronunzjata minħabba raġunijiet imputabbli lill-attrici; tilqa' t-tielet eccezzjoni u tvarja *in parte* d-deciżjoni fuq ir-raba' talba attrici in kwantu tikkonferma li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet dikjarata xolta, tikkonferma li l-vetturi vann Toyota, vann Transit, karozza Renault, vann Dodge, Peugeot 205 u vann ieħor Toyota jiġu assenjati lilu u l-vettura Hyundai tiġi assenjata lill-attrici, tvarja l-assenjazzjoni tal-proprjeta` mobbli billi tordna li l-mobbli jiġu diviżi bejn il-partijiet bonarjament jew altrimenti tiffissa ammont inqas minn €10,000 li huwa għandu jħallas bħala ekwiparazzjoni; tassenja d-dar konjugali in kwistjoni lilu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u fin-nuqqas ta' tali assenjazzjoni tikkonferma li l-appellant għandu d-dritt li jibqa' jabita fil-fond in kwistjoni għal ħames snin mid-data tas-sentenza u wara li jiskadi dan it-terminu jingħata żmien lill-partijiet sabiex il-proprjeta` tinbiegħ fuq is-suq miftuħ u r-rikavat jinqasam fi kwoti hekk kif stabbiliti mill-Qorti tal-Appell sabiex jiġi rifless it-tort kommess mill-attrici; u tikkonferma s-sentenza fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attrici appellata.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**Il-Qorti;**

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-14 ta' Diċembru, 2005 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

"Illi l-kontendenti żżewġu fil-15 ta' Marzu, 1986, minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal, Rosabelle Said u Tyron Said, li twieldu fit-30 ta' Awissu, 1986 u fit-28 ta' Jannar, 1989 rispettivament.

Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ma għadhiex aktar possibbli minħabba li l-konvenut irrenda ruħu ħati lejn martu l-attriċi ta' sevizzji, eċċessi, theddid u minaċċi kif ukoll inġurji, u wkoll minħabba inkompatibbilta' ta' karattri.
"Illi b'digriet mogħti fil-21 ta' Jannar, 2005 fl-atti tal-Ittra numru 1256/04, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attriċi

sabiex tipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali fit-terminu impost mil-liġi, liema terminu ġie estiż għal erba' xhur oħra bis-saħħa ta' digriet sussegwenti numru 1562/05 tas-26 ta' Ottubru, 2005.

"Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportun:

"1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Said minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija, bi ħtija esklussiva u unika tal-konvenut;

"2. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-liġi, f'dik is-somma li tidher xierqa illi dina l-Onorabbli Qorti, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, li jogħġobha tipprefiġġi din l-Onorabbli Qorti;

"3. tordna li l-istess retta alimentarja tiġi mnaqqsa kull xahar mill-paga tal-konvenut mill-prinċipal tiegħu u li titħallas direttament lill-attriċi;

"4. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi, u tillikwida l-assi kollha appartenenti lill-konjuġi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, billi tiddividiha f'żewġ porzjonijiet u *ope sententiam* tassenja u tikkonsenja porzjoni lill-attriċi u porzjoni ieħor lill-konvenut, ossija jekk inhu l-każ tinnomina Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

"5. tawtorizza lill-attriċi li żżid kunjom xbubitha mal-kunjom taż-żwieġ.

"Bl-ispejjeż inklużi fl-ispejjeż dawk tal-proċedura quddiem il-medjatur, kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-12 ta’ Mejju, 2006, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

“1. Illi l-esponenti jaqbel li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu b’dana li hija l-attriċi li taħti għat-tifrik taż-żwieġ u dana minħabba adulterju flagranti da parti tagħha u abbandun tad-dar matrimonjali.

“2. Illi l-esponenti m’għandux jiġi ordnat iħallas retta alimentari għal martu l-attriċi *stante* li hija taħdem u *se mai* għandha d-dħul tagħha.

“3. Illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi xolta b’dana li peress li ż-żwieġ tfarrak minħabba ħtijiet imputabbli lill-attriċi allura l-qasma tal-assi għandha tirrifletti dan il-fatt billi l-eċċipjenti jingħata sehem aktar minn l-attriċi.

“4. Illi l-eċċipjenti m’għandux oġġezzjoni li l-attriċi tirreverti għal kunjom xbubitha.

“Bl-ispejjeż.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti proċesswali, kompriżi d-diversi digrieti li tat l-istess Qorti.

“Rat l-affidavit tal-attriċi, tal-konvenut, ta’ bint il-partijiet Rosabelle Said, ta’ iben il-partijiet Tyron Said, u ta’ missier l-attriċi Paul Bezzina.

“Semgħet lill-partijiet u lix-xhieda in kontro-eżami.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi l-attriċi qegħda titlob pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-konvenut m’huwiex jopponi

għal din it-talba u jidher ċar illi l-kwistjoni li dwarha l-partijiet ma qablux hija dwar il-qasma tal-proprjeta` li għandhom bejniethom bħala komunjoni tal-akkwisti.

"Ħareġ ċar mill-provi li l-attriċi telqet mid-dar iktar minn sitt snin ilu u llum qed tgħix ma' ħaddieħor u r-raġuni li hija tat lill-Qorti meta sarilha l-kontro-eżami kien li l-konvenut ma kienx jittrattaha tajjeb u kien iżommilha l-flus hu anke meta kienet taħdem u li ma kienx joħroġha u lanqas jagħtiha flus biżżejjed biex iżżomm il-familja. Il-Qorti, filwaqt li ma tistax teskludi xi wħud minn dawn il-lanjanzi, ma kinitx wisq konvinta mid-deposizzjoni tagħha, u ma għandha ebda dubju li kienet l-attriċi stess li tat lok għat-tkissir taż-żwieġ. It-tfal tal-partijiet, li llum huma maġġorenni, baqgħu jgħixu mal-konvenut, u t-tifel lanqas irid ikellem lil ommu, għalkemm it-tifla għandha kuntatt regolari magħha. L-istess tifla li kienet marret tgħix ma' ommha għal xi żmien kellha wkoll żewġt itfal minn relazzjoni ma' ġuvni. Kollox allura jindika li l-livell ta' moralita` tal-attriċi ma huwiex wieħed għoli, u kif *gia'* ingħad kienet hi li tat lok għas-separazzjoni. Da parti tiegħu l-konvenut għalkemm seta` kellu xi difetti baqa' jgħix ma' uliedu fid-dar konjugali u rabbihom kif seta`. Dan il-Qorti bilfors trid tikkunsidrah meta tiġi biex tiddeċiedi l-kawża.

"Ma hemmx allura ebda dubju li l-attriċi tilfet il-jedd li titlob manteniment minn żewġha *ai termini* tal-Artiklu 48(c) tal-Kapitlu 16 għaliex kienet u għadha responsabbli għal adulterju flagranti. *Oltre* dan billi l-attriċi tat lok għas-separazzjoni bl-azzjonijiet tagħha ċirka sitt snin ilu, ukoll trid tieħu in konsiderazzjoni dan *ai termini* tas-sub-inċiż (c) tal-istess artiklu.

"Rigward il-qsim tal-proprjeta`, apparti d-dar konjugali li dwarha l-Qorti ser tipprovdi iktar 'il quddiem, prinċipalment il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f'oġġetti tad-dar (*household goods*), u xi vetturi. Il-konvenut għandu f'idejh sitt vetturi li pero' ħamsa minnhom huma ta' valur żgħir ħafna, u huwa biss il-vann Toyota li għandu ċertu valur. L-attriċi għandha Hyundai li tiswa' ftit inqas. Għalhekk il-Qorti ser tħalli l-vetturi f'idejn min qegħdin bħalissa u

takkorda somma lill-attriċi biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas fil-valur. Rigward l-oġġetti li hemm fid-dar hemm nuqqas ta' qbil dwar il-valur. Ma nġabet ebda valutazzjoni da parti tal-partijiet ħlief dawk arbitrarji tagħhom stess, u hemm anke nuqqas ta' qbil dwar kemm inxtraw l-oġġetti. Filwaqt li skond il-valutazzjoni tal-attriċi l-oġġetti fid-dar kienu jiswew wieħed u għoxrin elf, mija u sitta u għoxrin Lira Maltin (Lm21,126) u l-vetturi iktar minn għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) skond il-konvenut, uħud minn dawn l-oġġetti ġew sopravalutati (huwa esebixxa xi riċevuti fir-rigward), u l-vetturi ħafna inqas – ċirka tlett elef u mitejn Lira Maltin (Lm3,200). Il-Qorti ma għandhiex dubju li l-ammonti indikati mill-attriċi huma esaġerati, anke tenut kont tal-fatt li jekk *semmai* dawk kienu l-valuri meta nxtraw, illum dawn huma oġġetti użati u użati sew, u kwindi l-valur tagħhom żgur huwa inqas minn hekk. Il-Qorti għalhekk ser tassenja l-oġġetti lill-konvenut u *arbitrio boni viri* ser tordnalu jħallas tagħhom valur li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tillikwidah fl-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000), li jinkludi l-valur tal-karozzi.

"Dwar id-dar konjugali ma hemmx dubju li hija tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, iżda l-Qorti ma tħossx li jkun ġust li l-konvenut ikollu jbiegħha f'dan l-istadju għaliex għalkemm it-tifel issa hu maġġorenni kemm il-konvenut u kemm it-tifel bħala parti mill-ambjent familjari tal-konvenut, ikollhom problemi sostanzjali jekk id-dar tinbiegħ minnufih, u dan għal raġunijiet ċari għaliex mhux faċli familja tiġi traslokata f'daqqa waħda. Għalhekk il-Qorti, skond l-Artiklu 55A ser tagħti dritt lill-konvenut jibqa' jabita fiha għal perjodu ta' ħames snin oħra meta mbagħad tinbiegħ, u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet wara li ssir il-valutazzjoni debita.

"**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut:**

"**1. tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;**

"**2. tiċħad it-tieni talba;**

"**3. tiċħad it-tielet talba;**

"**4. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u taqsamha billi tassenja lill-konvenut l-oġġetti kollha li hemm fid-dar konjugali u l-vetturi vann Toyota, vann Transit, karozza Renault, vann Dodge, Peugeot 205 u vann ieħor Toyota u lill-attriċi l-vettura Hyundai, tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala ekiparazzjoni; tassenja lill-konvenut id-dritt li jibqa' jgħix fid-dar konjugali għal ħames snin mil-lum u wara l-proprjeta` in kwistjoni 119, Triq il-Kaptan, Imtarfa tinbiegħ taħt l-awtorita` tal-Qorti wara li ssir id-debita valutazzjoni u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet;**

"**5. tawtorizza lill-attriċi żżid kunjom xbubitha ma' kunjomha biż-żwieġ.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**"

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut Charles Said</u>**

**3.** Il-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha. L-aggravji tiegħu huma dawn:

(1) L-ewwel Qorti fid-*decide* ma specifikatx li l-attrici kienet ħatja tal-ksur taż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti minħabba adulterju u abbandun tad-dar matrimonjali;

(2) L-ewwel Qorti ma applikatx *in toto* l-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili fil-konfront tal-attrici u konsegwentement ma ddikjaratx li l-attrici m'għandhiex dritt fuq id-dar matrimonjali li l-appellant jidhirlu li għandha tiġi assenjata lilu;

(3) Fl-eventwalita` li l-Qorti tal-Appell tiċħad it-tieni aggravju, wara li jgħaddi l-perjodu ta' ħames snin li fihom huwa ġie akkordat id-dritt li jibqa' joqgħod fid-dar matrimonjali, l-appellant ma jaqbilx li d-dar tinbiegħ taħt l-awtorita` tal-Qorti u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet (kif ordnat l-ewwel Qorti) iżda jinsisti invece li d-

dar għandha tinbiegħ fuq is-suq miftuħ u r-rikavat jinqasam f'dawk il-percentwali li l-Qorti tal-Appell tiddeciedi wara li tieħu in konsiderazzjoni d-data meta l-appellata hija meqjusa li kienet ħatja tal-firda;

(4) L-ammont ta' €10,000 stabbilit mill-ewwel Qorti *arbitrio boni viri* li l-appellant għandu jħallas lill-attrici bħala ekwiparazzjoni huwa eccessiv u fi kwalunkwe każ, peress li l-effetti mobbli huma komodament diviżibbli dawn għandhom jinqasmu bejn il-partijiet kemm-il darba l-Qorti tal-Appell tikkonkludi li l-appellata għandha jedd għalihom.

**<u>Risposta tal-Appell</u>**

**4.** Jirriżulta li l-appellata ma ppreżentat l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-konvenut.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**5.** <u>L-ewwel aggravju</u>*: Ir-raġuni tas-separazzjoni ma ġietx indikata fid-decide.*

L-attrici fl-ewwel talba tagħha talbet lill-Qorti sabiex "*tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Said minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija, bi ħtija esklussiva u unika tal-konvenut*". Il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tiegħu eccepixxa li għalkemm jaqbel li kellha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, hija l-attrici li taħti għat-tifrik taż-żwieġ u mhux hu, u dan minħabba adulterju flagranti da parti tagħha, u abbandun tad-dar matrimonjali.

Il-Qorti tal-ewwel grad, wara li eżaminat il-provi miġbura quddiemha, ppronunzjat ruħha hekk: "*tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet*". Waqfet hemm. Kif jilmenta l-konvenut fl-ewwel aggravju tiegħu, il-Qorti ma specifikatx ir-raġuni li abbażi tagħha hija kienet qed tippronunzja s-separazzjoni personali. Anzi l-fatt li ddikjarat li kienet qegħda "*tilqa' l-ewwel talba*" jista' jinftiehem li kienet qegħda tiddikjara li t-tort kien tal-konvenut. Dan pero` certament li ma jidhirx li hu l-każ. L-ewwel Qorti, fil-fatt wara li għarblet u qieset il-provi kollha

kkonkludiet li "*ma għandha l-ebda dubju li kienet l-attrici stess li tat lok għat-tkissir taż-żwieg*".[1] Fil-fatt iddikjarat ukoll li l-attrici tilfet il-jedd li titlob manteniment minn żewġha u għalhekk caħdet it-tieni u t-tielet talbiet.

Jidher għalhekk li kienet żvista evidenti tal-ewwel Qorti li hija ma laqgħetx l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u kienet ukoll żvista li laqgħet l-ewwel talba mingħajr ma specifikat li s-separazzjoni personali qegħda tiġi ppronunzjata minħabba raġunijiet imputabbli lill-attrici.

Għalhekk jirriżulta li l-ewwel aggravju huwa fondat.

**6.** <u>It-tieni aggravju</u>: I*d-dar matrimonjali*

L-appellant jargumenta li l-aġir tal-appellata li abbandunat għal kollox lil żewġha u lit-tfal minuri biex tkun libera jkollha relazzjonijiet adulteri ma' rġiel, jaqa' taħt l-estremi kontemplati fl-Artikolu 48 u jsostni li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, l-ewwel Qorti messha ddikjarat li l-appellata m' għandhiex jedd fuq id-dar matrimonjali. Huwa ippretendi li l-ewwel Qorti kellha tassenja d-dar matrimonjali lilu.

L-appellant jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Hugh Greengrass v. Lucia Greengrass**[2], li fiha l-Prim Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet li l-assi kollha appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti kellhom jibqgħu f'idejn parti, tenut kont tal-fatt li l-assi ġew akkwistati principarjament mill-attivita` ta' din il-parti, u wkoll tal-fatt li l-parti l-oħra kienet responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali in kwistjoni jirriżulta li l-konjuġi Said kienu akkwistaw bicca art tal-gvern għall-ħabta tas-sena 1992. L-attrici xehdet li "W*ara xi sitt snin żwieġ konna ħadna art tal-Gvern u bdejna naħsbu biex nibnuha."* Xehdet li żewġha kien jagħtiha Lm50 fil-ġimgħa u minnhom kienet tħallas il-kontijiet kollha, inkluż il-pagamenti mensili fuq il-*home loan*. Dwar xogħol fid-dar,

---

[1] Fol. 4 tas-sentenza
[2] Cit. Nru. 98/2002 RCP, deciża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003 (mhux appellata)

xehdet li "*Xogħol fid-dar ma kien jagħmel xejn ħlief fil-bidu fil-ġebla. Mill-bqija kollox bin-nies għamilna*." Tgħid li kienet taħdem ta' "*cleaner"* man-nies biex ikollha flus għad-dar, u wara kienet armat bil-ħaxix għaliex "*il-flus kelli bżonnhom għax ma stajtx nibqa' ġo dar vojta fejn la kelli kamra tal-banju, la taraġ u kumditajiet xejn kull ma kien hemm il-madum u l-kmamar tas-sodda li kienu għandna qabel*." Hija kompliet tgħid li diversi affarijiet fid-dar bħall-bibien, l-għamara, l-i*spare toilet*, il-kcina, l-*units*, it-taraġ u l-poġġaman għamlithom bil-flus li kienet taqla u tenfasizza li r-raġuni għaliex ħarġet taħdem kienet proprju minħabba d-dar.

Il-konvenut appellant da parti tiegħu xehed li "*Fiż-żwieġ jiena ħadt plot l-Imtarfa. Il-plot bnejtu kollu kemm huwa jiena u domt nibni madwar sitt snin biex lestejt il-post*. *Illi peress li fid-dar għamilt kollox jiena, wieħed jifhem illi jiena marbut ferm ma' dan il-post. Illi jiena nħoss illi la darba marti telqet darbtejn mid-dar u issa fit-tieni darba spiccat biex telqet tgħix ma' raġel ieħor u farrket lili u lil uliedi, hija ma ħaqqa tieħu xejn mill-valur tad-dar."*

Din il-Qorti tħoss li kemm l-appellant kif ukoll l-appellata kkontribwew għad-dar matrimonjali. L-appellant jipprova jagħti l-impressjoni li l-appellata ma kellha x' taqsam xejn mad-dar matrimonjali u dan sabiex jiġġustifika l-pretensjoni tiegħu li d-dar tiġi assenjata lilu; huwa mhux biss jgħid li l-art zviluppaha u bniha hu u li għamel kollox fiha hu, imma saħansitra xehed li l-*plot* ħadu hu (jitkellem fl-ewwel persuna singular). Certament li jekk huwa akkwista art tal-gvern waqt li kien miżżewweġ lill-appellata, ifisser li l-art ingħatat lilhom it-tnejn bħala koppja miżżewġa. L-appellata kkontribwiet għad-dar matrimonjali kemm finanzjarjament (fiż-żmien li kienet taħdem) kif ukoll meta kienet id-dar u kienet trid tkampa bil-flus li kien jagħtiha żewġha għall-ispejjeż mensili li kienu jinkludu ukoll il-pagamenti mensili fuq is-self fuq id-dar. Kif jistipula l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu li jaħdmu kemm jekk barra mid-dar u kemm jekk fid-dar, kif jinħtieġu l-interessi tal-familja.[3]

[3] Artikolu 3 tal-Kodici Civili:

Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li kien wara li għaddew numru sostanzjali ta' snin minn meta l-konjuġi Said ħadu l-*plot*, li l-appellata abbandunat id-dar matrimonjali. Għalkemm jirriżulta li kien hemm certu infelicita` fiż-żwieġ għal diversi snin, forsi anke ħtija tat-tnejn, kien l-abbandun tad-dar matrimonjali da parti tal-appellata, meta hija ippakkjat l-affarijiet personali tagħha u telqet, li kisser definittivament iż-żwieġ. Dan sehh għall-ħabta tas-sena 2002 – bejn wieħed u ieħor għaxar snin wara li l-konjuġi Said akkwistaw il-*plot*. Ifisser għalhekk li l-partijiet kien ilhom jikkontribwixxu għad-dar għal madwar għaxar snin, u anke jekk wieħed kellu jargumenta li f'tali żmien l-appellant ikkontribwixxa xi ftit iktar mill-appellata, dan kollu ġara principarjament <u>qabel</u> ma tkisser iż-żwieġ u għalhekk din il-Qorti ma tistax tassenja d-dar matrimonjali lill-appellant abbażi tal-Artikolu 48(1)(c)[4] kif qed jippretendi hu.

Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad tit-tieni aggravju.

**7.** <u>It-tielet aggravju</u>: *il-bejgħ tad-dar u l-qsim tar-rikavat*

L-appellant fit-tielet aggravju tiegħu jilmenta li f'każ li t-tieni aggravju jiġi miċħud (kif inhu l-każ) iħossu aggravat li wara li jgħaddi l-perjodu ta' ħames snin f'liema perjodu huwa ġie akkordat id-dritt li jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali, din il-proprjeta` tinbiegħ taħt l-awtorita` tal-Qorti u r-rikavat jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-kontendenti. Huwa jħoss li *se mai* il-proprjeta` għandha tinbiegħ fuq is-suq miftuħ u r-rikavat jinqasam f' dawk il-percentwali li din il-Qorti tal-Appell tiddeciedi wara li tieħu

---

"Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."

[4] Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili:

Il-parti, raġel jew mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b' kull mod taż-żewġ partijiet skond l-artikolu 3.

in konsiderazzjoni d-data meta l-appellata hija meqjusa li kienet ħatja tal-firda.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda oġġezzjoni li l-proprjeta` tinbiegħ fuq is-suq miftuħ u għal dan il-għan tiffissa bħala terminu l-egħluq tal-ħames snin stabbiliti mill-ewwel Qorti it-3 ta’ Ottubru 2013. Jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx ibiegħu id-dar qabel u bi ftehim bejniethom fl-ahjar interess taghhom it-tnejn din allura tinbiegħ taħt l-awtorita` tal-Qorti.

Fir-rigward tar-rikavat, l-appellant jispjega li kemm ilha nieqsa l-appellata mid-dar huwa għamel xi meljoramenti necessarji biex iżomm il-proprjeta` fi stat tajjeb u jidhirlu li ma jkunx ġust li l-appellata tgawdi mil-għaqal tiegħu tul dawn is-snin u tibbenefika daqsu mill-valur tal-immobbli. L-appellant pero` ma pproduca l-ebda ricevuta mill-2002 ‘l hawn bħala evidenza li inkorra spejjeż fid-dar matrimonjali, u għalhekk din il-Qorti mhux se tikkonsidra dan il-punt.

**8.** <u>Ir-raba’ aggravju</u>: *Is-somma ta’ €10,000 bħala ekwiparazzjoni huwa ammont esaġerat*

F’dan l-aħħar aggravju l-appellant jilmenta li l-ammont ta’ €10,000 stabbilit mill-ewwel Qorti *arbitrio boni viri* li huwa ġie ordnat iħallas lill-appellata bħala ekwiparazzjoni huwa esaġerat u li fi kwalunkwe każ l-effetti mobbli huma komodament diviżibbli.

Din il-Qorti rat u ezaminat il-prospett ppreżentat mill-attrici biex tindika l-affarijiet li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti li ħalliet warajha meta telqet mid-dar matrimonjali. Skont il-valutazzjoni tagħha l-valur totali tal-oġġetti li ħalliet fid-dar huwa ta’ Lm21,126 u l-valur totali tal-vetturi f’idejn il-konvenut huwa ta’ Lm11,950. Il-konvenut da parti tiegħu esebixxa xi ricevuti fir-rigward ta’ xi oġġetti elenkati mill-attrici u biex juri li dawn ġew sopravalutati. Kif irriteniet l-ewwel Qorti, l-ammonti indikati mill-attrici jidher li huma esaġerati. Di piu` illum il-valur ta’ dawn l-oġġetti huwa ħafna inqas peress li huma wżati.

L-appellant jilmenta li l-mobbli jistgħu jiġu komodament diviżibbli bejn il-partijiet bonarjament. Għalkemm dan huwa minnu, din il-Qorti ma tantx għandha fiducja li l-partijiet ser jaqblu fuq hekk, peress li hemm nuqqas ta' qbil fuq il-valuri. Ladarba l-partijiet ma ppreżentawx xi nota konġuntiva biex jindikaw lill-Qorti xi tip ta' ftehim bonarju fir-rigward ta' kif għandhom jiġu diviżi l-mobbli, din il-Qorti mhux ser tikkunsidra din il-possiblita` u taqbel li l-partijiet għandhom jibqgħu bil-vetturi li għandhom u li l-appellant iżomm l-oġġetti kollha u jħallas ammont bħala ekwiparazzjoni.

Din il-Qorti tirrileva li sabiex tikkalkula l-ammont ta' ekwiparazzjoni hija mhux se tieħu konjizzjoni ta' dawk l-oġġetti li jiffurmaw parti mid-dar bħal, per eżempju, il-bieb ta' barra, l-*aluminium*, ir-*railings* tat-taraġ, il-kamra tal-banju, il-funtana, l-art jew il-kcina, peress li dawn ovvjament huma "fixtures" li ser jinbiegħu bħala parti mid-dar u r-rikavat tagħhom jinqasam bejn il-partijiet. Fir-rigward tal-oġġetti l-oħra, din il-Qorti, wara li eżaminat il-lista ta' dawn il-mobbli kif kompilata mill-attrici, wara li eżaminat ir-ricevuti prodotti mill-konvenut fir-rigward ta' xi wħud minnhom, u wara li kkunsidrat l-ammont ta' snin li għaddew minn meta l-affarijiet inxtraw, hija tal-fehma li €10,000 huwa fil-fatt ammont esaġerat u jidhrilha li *arbitrio boni viri* l-appellant m'għandux jiġi ordnat jagħti lill-appellata iktar minn €5,000 bħala ekwiparazzjoni, jigifieri n-nofs minn kif deciz mill-ewwel Qorti.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeciedi dan l-appell billi:

1- tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tvarja in parte d-**deċiżjoni fuq l-ewwel talba** tal-attrici fis-sens li għalkemm tippronunzja s-separazzjoni personali tal-konjuġi Said, tiddikjara li l-ħtija esklussiva hija atribwibbli lill-attrici u mhux lill-konvenut;

2- tvarja in parte d-**deċiżjoni fuq ir-raba' talba** fis-sens li l-ammont li l-konvenut appellant għandu jħallas lill-attrici appellata bħala ekwiparazzjoni (għall-fatt li huwa ġie assenjat il-ħames vetturi u l-oġġetti kollha li hemm fid-dar

filwaqt li hi tieħu biss il-vetturi Hyundai) huwa ta' €5,000 u mhux €10,000; tikkonferma li l-appellant għandu d-dritt li jibqa' jabita fid-dar konjugali sat-3 ta' Ottubru 2013 iżda takkorda lill-partijiet il-possibilita` li d-dar tinbiegħ fuq is-suq miftuħ sa tali data bi ftehim bejniethom dwar il-prezz percepit. F'każ li dan ma jseħħx għandha tinbiegħ taħt l-awtorita` tal-Qorti. Fi kwalunkwe każ tikkonferma li r-rikavat għandu jinqasam fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, dawk relattivi ghat-tieni istanza jigu spartiti kwantu ghal zewg terzi a kariku tal-attrici appellata u terz ghall-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------